# Qorti tal-Magistrati (Malta)

# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Chris Pullicino)**

**vs**

**Christopher Schembri**

**Kumpilazzjoni Numru: 401/2013**

**Illum, is-sbatax (17) ta' Gunju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Christopher Schembri** detentur tal-karta tal-identità b'numru 362782M u gie akkuzat talli:

1. Nhar it-22 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' l-10.00am minn gewwa residenza bl-isem 'Dwejra', Triq il-Merill, San Gwann, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li hu ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), u sar ghad-dannu ta' Sonia Ritchie u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli nhar il-15 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' l-10.00pm minn gewwa residenza 61, Triq Manuel De Vilhena, Gzira, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li hu ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad-dannu ta' Margherita Borg u/jew persuna/i ohra;

3. U aktar talli nhar il-30 ta' Awissu 2012 ghall-habta ta' l-5.15pm minn gewwa Kamra numru 10, fis-Solair Holiday Complex, Triq il-Hgejjeg, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti fosthom deheb, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok u bil-valur li hu ta' aktar minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin

Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u sar ghad-dannu ta' Gail Lynn Mc Ghee u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 t'Awissu, 2012, minn gewwa Hibernia House, Triq Depiro, Sliema, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2,329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Matthew Gingell Littlejohn u/jew persuna/i ohra;

5. U aktar talli fil-lejl ta' bejn it-30 u l-31 t'Awissu 2012, gewwa Hibernia House, Triq Depiro, Sliema, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe ghamel hsara f'apparat u oggetti liema hsara hija ta' aktar minn mija u sittax il-ewro u sebgha u erbghin centezmu tal-ewro izda ma tiskorrix l-elf, mija u erbgha u sittin ewro u sebgha u sittin centezmu tal-ewro ghad-dannu ta' Matthew Gingel Littlejohn u/jew persuna/i ohra;

6. U aktar talli f'xi lejl ta' bejn il-31 t'Awissu, 2012 u t-2 ta' Settembru 2012, minn gewwa Choice Holidays, Triq ic-Caghaq, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Rachel Rita Sammut Alessi u/jew persuna/i ohra;

7. U aktar talli nhar l-4 ta' Settembru 2012 f'xi hin bejn 1.00pm u 7.00pm minn gewwa Kamra numru 8, Porto Del Sol, Triq ir-Ridott, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Iwona Miroslawa Kulik u/jew persuna/i ohra;

8. U aktar talli nhar l-5 ta' Settembru 2012 f'xi hin bejn 9.00am u 2.40pm, minn gewwa Kamra numru 4106, Luna Holiday

Complex, Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Louise Foden u/jew persuna/i ohra;

9. U aktar talli nhar l-5 ta' Settembru 2012 f'xi l-10.00am, minn gewwa Kamra 727, Bay Street Hotel, Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Tommasa Cannata u/jew persuna/i ohra;

10. U aktar talli nhar is-6 ta' Settembru 2012 f'xi wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra 311, Coastline Hotel, Salina, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn

u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Hillary Joan Hinde u/jew persuna/i ohra;

11. U aktar talli nhar is-6 ta' Settembru 2012 f'xi wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra numru 342, Coastline Hotel, Salina, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Hilary Joan Hinde u/jew persuna/i ohra;

12. U aktar talli fil-lejl ta' bejn l-10 u l-11 ta' Settembru 2012, minn gewwa Kamra numru 502, Bay Street Hotel, Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, bil-hin u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett

mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta’ Elodi Melissa Page u/jew persuna/i ohra;

13. U aktar talli fil-lejl ta’ bejn l-10 u l-11 ta’ Settembru 2012, minn gewwa Kamra numru 502, Bay Street Hotel, Triq Santu Wistin, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2,329.37ewro) u sar ghad-dannu ta’ Elodi Melissa Page u/jew persuna/i ohra;

14. U aktar talli f’xi hin fil-lejl ta’ bejn it-30 ta’ Settembru 2012 u l-1 t’Ottubru 2012, minn gewwa Sunrise Bar and Restaurant, Triq Sant Andrija, San Giljan, ikkommetta serq ta’ diversi oggetti u flus kontanti, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta’ Salvatore Bonello u/jew persuna/i ohra;

15. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamru numru 4404, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2,329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Moehring Jean u/jew persuna/i ohra;

16. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra numru T209, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Christine Catherine Callaghan u/jew persuna/i ohra;

17. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra T208, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Anna Maria Wiktor u/jew persuna/i ohra;

18. U aktar talli nhar is-6 ta' Settembru 2012 f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa Kamra numru 531, Maritim Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro) u sar ghad-dannu ta' Sarah Lucy Shilham u/jew persuna/i ohra;

19. U aktar talli nhar id-9 ta' Settembru 2012 f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa Kamra numru 218, Mellieha Bay

Hotel, Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Anthony Krip u/jew persuna/i ohra;

20. U aktar talli nhar id-9 ta' Settembru 2012 f'xi hin matul il-gurnata, minn gewwa Kamra numru 210, Mellieha Bay Hotel, Triq il-Marfa, Mellieha, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Kylie Margaret Wilson u/jew persuna/i ohra;

21. U aktar talli nhar is-27 t'Ottubru 2012 xi hin matul il-gurnata, minn gewwa residenza Palmier Flats, Flat 9, Triq Sant' Antnin, Msida, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti, liema serq ta' huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u

bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Natalee Vella u/jew persuna/i ohra;

22. U aktar talli nhar l-14 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' t-3.00pm, minn gewwa Suncrest Hotel kamra numru 521, ikkommetta serq ta' diversi oggetti u flus kontanti liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-lok, u bil-valur li jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu tal-ewro (232.93ewro) izda ma jiskorrix l-elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu tal-ewro (2329.37ewro), u sar ghad-dannu ta' Pauline Lauria u/jew persuna/i ohra;

23. U aktar talli nhar is-6 ta' Settembru 2012 f'xi hin matul il-Gurnata, minn gewwa Kamra numru 651, Maritim Hotel, Triq Gorg Borg Olivier, Mellieha, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-eekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' l-propjetarju tal-Maritim Hotel u/jew persuna/i ohra;

24. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra numru 2202, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esternni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' l-propjetarju tat-Topaz Hotel u/jew persuna/i ohra;

25. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar minn gewwa Kamra numru T307, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' l-propjetarju tat-Topaz Hotel u/jew persuna/i ohra;

26. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra numru T452, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-

esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' l-propjetarju tat-Topaz Hotel u/jew persuna/i ohra;

27. U aktar talli nhar it-8 ta' Settembru 2012 f'xi hin wara nofs in nhar, minn gewwa Kamra numru T207, Topaz Hotel, Triq Censu Tanti, San Pawl il-Bahar, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' l-propjetarju tat-Topaz Hotel u/jew persuna/i ohra;

28. U aktar talli fil-lejl tal-1 t' Ottubru 2012 ghall-habta tas-saghtejn ta' filghodu, minn gewwa Enroute Offices, Triq Sant Andrija, San Giljan, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' Matthew Bonello u/jew persuna/i ohra;

29. U aktar talli matul il-gurnata ta' l-14 ta' Settembru 2012 ghall-habta ta' 3.00pm, minn gewwa Suncrest Hotel kamra numru 516, bil-hsieb li jikkommetti delitt, wera dan il-hsieb b'atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni ta' dan id-delitt, liema delitt ta' serq ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volontà tieghu u kieku sehh kien ikun sar ghad-dannu ta' Geb Merkuba Weid u/jew persuna/i ohra;

30. U aktar talli fl-istess dati, hinijiet, lokijiet, u cirkostanziirrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta b' diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha pprezentati;

Rat l-ammissjoni libera u inkondizzjonata tal-imputat;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda refrattarja;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata l-ewwel (1) ta' Awissu tas-sena 2016 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jahseb li ghandha tinstab htija kontra l-imputat u cioè

1. Fl-artikoli 18, 261 (b), (c), (e) u (f); 263; 264; 265; 266; 267; 269; 270; 278; 279; 280; 281; 41 (1)(a); 325; 49; 50; 289; 17; 31 u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li wara li nqraw l-Artikoli tal-Avukat Generali l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-kawza tigi trattata u deciza minn din il-Qorti bil-procedura sommarja;

Rat id-digriet taghha moghti fl-erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena 2021 fejn laqghet it-talba tal-imputat sabiex tisma' l-procedura odjerna bhal Qorti dwar id-droga u dan ai termini tal-Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-osservazzjonijiet tal-Bord tar-Rijabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga;

Semghet ix-xhieda kollha inkluz dak ta' Brian Camilleri;

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacentement ippruvati. Illi dwar il-piena l-Qorti hadet inkonsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali tieghu kif ukoll il-fatt li l-imputat qed juri x-xewqa li jibda programm ta' riabilitazzjoni mill-vizzju tad-droga u li huwa dan il-vizzju li qed iwasslu biex jikkommetti dawn ir-reati.

Illi l-Qorti rat id-digriet taghha datat erbatax (14) ta' Ottubru tas-sena 2021 fejn intlaqghet it-talba tad-difiza sabiex tikkonverti ruhha bhala Qorti tad-Droga. Ghalhekk il-Qorti taghmel referenza ghal dak li ntqal mill-Bord tar-Riabilitazzjoni tramite n-nota a fol. 702 tal-atti processwali kif ukoll dak indikat fin-nota a fol. 704 tal-atti processwali.

Illi z-zewg (2) noti jindikaw li l-imputat ghamel minn kollox sabiex ikompli jahdem fuqu nnifsu. Huwa mertu ta' dan l-isforz da parti tal-imputat li l-istess Bord wasal biex iqis il-kaz tieghu bhala wiehed "*maghluq b'success"*[1].

Illi di piu` **Brian Camilleri** inrapprezentanza tal-Agenzija Sedqa xehed li l-imputat kien qieghed isegwi l-programm tieghu ta' riabilitazzjoni b'mod eccellenti u pozittiv. Ghalhekk il-Qorti sejra tqis dan ukoll ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-piena.

Illi fuq dan l-ahhar punt referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversement presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Enrica Farrugia** deciza fit-tletin (30) ta' Novembru tas-sena 2022 fejn jinghad hekk:

> *"Illi l-iskop principali tal-Att numru 1 tas-sena 2015 kien:*
>
> > *"L-iskop ta' din il-ligi hu li dawk il-persuni li se jkunu jridu jinghataw cans iehor mis-socjetà, se jinghataw cans iehor. Anke l-isem ta' dan l-Abbozz*

[1] Fol 702 u Fol 704 tal-atti processwali

*"Trattament mhux Prigunerija" jindika dan." [Dibattiti tal-Kamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Fil-Parlament, l-Onorevoli Ministru Dr. Owen Bonnici kien spjega b'referenza ghal din il-ligi:*

*"Issa se mmorru lil hinn mill-pussess semplici u se naqbdu l-pussess aggravat. Issa ghandna cirkostanza fejn dak li jkun mhux qed juza d-droga ghalih imma ghandu ammont ta' drogi li għhalkemm ma giex ipprovat li kien qed jittraffika, huwa ovvju li mhux se jehodhom kollha hu. … Dawn ghandhom il-vizzju u jixtru l-ammonti biex ibighuhom huma wkoll. Hemm minnhom li jigu mressqa fuq traffikar u hemm minnhom li jigu mressqa fuq pussess aggravat. Qabel kienet li dawn iridu jmorru l-habs bilfors b'minimu ta' sitt xhur prigunerija. Jista' hareg mill-vizzju, jista' qed jghallem il-Caritas u jista' jkun qed jaghmel xoghol enormi fis-socjetà, ghax dak irid imur il-habs bilfors. Ahna qed nghidu li f'dik ic-cirkostanza rridu naghtu opportunità lil din il-*

*persuna li jekk il-persuna trid turi li nbidlet u jekk il-bord li semmejna qabel jaqbel li ghandha l-intenzjoni li tohrog mill-vizzju, allura l-qorti tinbidel f'qorti tad-drogi, tibdel il-kompetenza taghha, tghajjat il-kawzi kollha li ghandha l-persuna, jigifieri jekk din ghandha kawza ohra ta' serq - għax dawn hafna drabi jkollhom kawzi oħrajn - taghtiha sentenza wahda li mhux bilfors tkun habs. Eliminajna xi kazijiet li ma jistghux jinghajtu bhal, perezempju, vjolenza fuq il-persuna. Jekk dan dahal u sawwat anzjana, dak ma jistax igawdi minn din imma bhala regola, tajna l-possibbiltà li jekk dan irid jibdel triqtu u l-bord jikkonferma li dan hareġ mill-vizzju, il-qorti tista' ma timponilux habs. Qed naghtu opportunità lill-qorti li ma jkunx hemm piena ta' habs bilfors." [Dibattiti talKamra tad-Deputati, 9.12.2014]*

*Quddiem il-Kumitat Permanenti ghall-kunsiderazzjoni t'abbozz tal-ligi, nghad ukoll:*

*"…il-Qorti tittrasforma ruhha f'Qorti dwar id-Droga. Dak ma jfissirx li l-akkuzat ma jehilx il-habs, però tfisser li l-qorti jkollha dritt tibaghtu quddiem il-Bord biex dan jipprova lis-socjetà li lest johrog mill-vizzju. Jekk dan l-individwu attwalment johrog mill-vizzju wara li l-Bord jghid li effettivament hareg, dan l-akkuzat jerga' jigi quddiem il-Qorti u l-Qorti tkun tista' jew tibaghtu l-habs jew taghtih piena li mhux bilfors il-habs, tara hi. Mela din mhijiex get out of jail card free, assolutament, però qed naghtu iktar opportunità lill-Qorti tara hi fic-cirkostanzi jekk tibaghtux il-habs jew le wara li jigru dawn l-affarijiet kollha li semmejt. Irrid nghid ukoll li jekk dan l-individwu ghandu reati ohrajn li mhumiex marbutin mal-vjolenza - hemm indikati liema huma, jigifieri jekk dan ta xi xebgha lil xi anzjana, jew dahhal id-droga l-habs, jew biegh id-droga f'Paceville ma jikkwalifikax - dawk ir-reati jistghu jigu attirati quddiem din il-qorti u taghti sentenza wahda li ma tkunx bilfors ta' habs. Il-qorti tara hi jekk tibaghtux il-habs jew le. Nahseb dan huwa l-qofol tal-abbozz*

*kollu kemm hu." [Kumitati permanenti għall-kunsiderazzjoni ta' abbozzi ta' liġi, 2.2.2015]*

*Illi dawn il-brani juru bic-car li l-iskop tal-Kap. 537 kien dak li tinghata d-diskrezzjoni lill-Qorti li ma tapplikax terminu ta' prigunerija mandatorju f'kaz li persuna tigi referuta quddiem il-Bord u jtemm il-pjan ta' kura b'success. Il-ligi ma kinitx intiza sabiex f'dan ir-rigward taghmel differenza dwar jekk persuna jkollux kaz wiehed pendenti jew iktar minn wiehed li jigu kollha mghajjta quddiem dik il-Qorti li tkun assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga. Il-ligi tipprovdi ghal cirkostanzi fejn persuna ma jkollha izjed minn kaz wiehed, ghaliex persuna li jkollu l-vizzju tad-droga jista' jikkommetti numru ta' reati ohra sabiex imantni l-istess vizzju bhal serq. Madanakollu, definittivament ma kienx l-iskop tal-ligi li jikkastiga persuna li ma jkolliex kazijiet ohra b'tali mod li jeskludi l-applikazzjoni tas-subartikolu 8(7) tal-Kap. 537 ghal-kaz taghha, bil-Qorti tkun kostretta li tapplika l-piena ta' prigunerija mandatorja minkejja li l-istess persuna jkun hareg mill-vizzju tad-droga."*

Illi tenut kont tal-kuntest tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll is-sitwazzjoni tal-imputat fil-kaz odjern, din il-Qorti thoss li piena karcerarja ma hiex wahda li taghmel gid ghar-riforma li l-istess imputat qieghed jipprova jikseb. Ghalhekk dan il-hsieb mhux biss qieghda tigi abbracata minn din il-Qorti izda sejra anke tigi riflessa fil-piena.

## Decide

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 18, 41(1)(a), 49, 50, 261(b)(c)(e)(f), 263, 267, 269, 270, 279, 289, 325(1)(b) u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Christopher Schembri** hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 8(7) tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannah ghal perijodu ta' Probation ta' tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta Malta u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'ghandux jittiehed inkonsiderazzjoni ghall-finijiet tal-hrug ta' certifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar ic-Certifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl

tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal Artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Ligijiet ta' Malta.

In oltre', bl-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **Christopher Schembri** jhallas l-ammont ta' mija u zewg ewro u sebgha u tletin centezmu (€102.37) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

---------------------------------------

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**